MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26/8

It-Tnejn 1 ta' Gunju 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

026.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

026.2 Xoghlijiet fi Gnien Raymond Caruana;

026.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta` filgħaxija (6.30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**026.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittra ta` apologija.

**026.2. Xoghlijiet fi Gnien Raymond Caruana**

026.2.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar x`inhu propost li jsir mill-MTIP fi Gnien Raymond Caruana. Is-Sindku kompliet billi qalet li huwa mahsub li jigi rigenerat il-gnien u ssir binja tal-Kunsill u latrina pubblika gdida fil-parti fejn hem mil-bus terminus.

Il-Vici Sindku JM Calleja qal li huwa jaqbel li l-binja tal-Kunsill ghandha ssir parti minn dan il-gnien ghax il-post huwa wiehed centrali.

Il-Kunsillier S Caruana qal li huma ma jaqbilx li biex tinbena l-binja tal-Kunsill tittiehed parti mill-gnien. Is-Sur Caruana propona sabiex il-binja ssir b`tali mod li l-gnien ma jistmissx minnu.
Is-Sur Caruana ghamel referenza wkoll ghas-sala tal-Kunsill, fejn din m`hemmx bzonn isir ghal fatt li diga hemm hsieb li ssir fl-iskola primarja.

Wara diskussjoni, l-membri tal-Kunsill qabblu li ghandu jkun hemm certi kundizzjonijiet fuq liema bazi ghandha tinbena l-binja tal-Kunsill fosthom il-binja ma tkunx gholja aktar mill-iskola, ma jintmisx il-gnien, u li tibqa` jew isir mill-gdid il-latrina pubblika.

026.3 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha ta` filghaxija.

Konfermati, illum _______________________

Dr. Marija Sara Vella
Sindku

Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv